31993D0327

27.5.1993 *IL-ĠURNAL UFFIĊJALI TAL-KOMUNITAJIET EWROPEJ* L 129/25

ID-DEĊIŻJONI TAL-KUMMISSJONI

tat-13 ta' Mejju 1993

li tiddefinixxi l-kundizzjonijiet li permezz tagħhom l-entitajiet kuntraenti li jisfruttaw żoni ġeografiċi għall-iskop ta' l-esplorazzjoni għal jew għall-estrazzjoni ta' żejt, gass, faħam jew karburanti solidi oħra jridu jikkommunikaw lill-Kummissjoni l-informazzjoni dwar il-kuntratti li jagħtu

(93/327/KEE)

IL-KUMMISSJONI TAL-KOMUNITÀ EWROPEA,

Wara li kkunsidrat it- Trattat li jistabbilixxi l- Komunità Ekonomika Ewropea,

Wara li kkunsidrat Direttiva tal-Kunsill 90/531/KEE tas-17 ta' Settembru 1990 dwar il-proċeduri ta' akkwisti ta' entitajiet li joperaw fis-setturi ta' l-ilma, ta' l-enerġija, tat-trasport u tat-telekomunikazzjonijiet [1], u b'mod partikolari l-Artikolu 3(2)(b) u 32(4) sa (7) tagħha,

Wara li kkunsidrat l-opinjoni tal-Kumitat Konsultattiv għall-Kuntratti Pubbliċi,

Billi l-Artikolu 3(2)(b) tad-Direttiva 90/531/KEE jistipula li l-entitajiet kontraenti li jisfruttaw erjas ġeografiċi għall-iskop ta' l-esplorazzjoni għal jew għall-estrazzjoni ta' gass, faħam jew karburanti solidi oħra jridu jikkomunikaw lill-Kummissjoni, taħt kundizzjonijiet stipulati minnha, informazzjoni dwar il-kuntratti li jagħtu;

Billi din l-informazzjoni għandha tgħin lill-Kummissjoni biex twettaq ix-xogħol tagħha li tivverifika l-applikazzjoni tal-liġi Komunitarja u li tiġbor flimkien studji statistiċi;

Billi l-obbligazzjoni ta' komunikazzjoni ta' l-informazzjoni dwar kull kuntratt mogħti għandha, madanakollu, tiġi llimitata għal kuntratti li l-valur tagħhom hu għoli biżżejjed, jiġifieri kull kuntratt b'valur li jeċċedi 5 miljun ECU;

Billi informazzjoni perjodika aktar preċiża għandha tkun biżżejjed għal kuntratti ta' valur ta' bejn 400 000 u 5 miljun ECU,

ADOTTAT DIN ID-DEĊIŻJONI:

L-Artikolu 1

L-Istati Membri għandhom jassiguraw li l-entitajiet kontraenti li jwettqu waħda jew aktar mill-attivitajiet imsemmija fl-Artikolu 3(1) tad-Direttiva 90/531/KEE jikkomunikaw lill-Kummissjoni, għal kull kuntratt li jagħtu li l-valur tiegħu (iddeterminat b'konformità ma' l-Artikolu 12 ta' dik id-Direttiva) jeċċedi l-5 miljun ECU, l-informazzjoni kollha speċifikata fl-Anness ta' dik id-Direttiva, fi żmien 48 jum mid-data li jagħtu l-kuntratt involut.

L-Artikolu 2

Għal kuntratti ta' valur bejn 400 000 u 5 miljun ECU, l-entitajiet kontraenti msemmija fl-Artikolu 1 għandhom:

1. iżommu għal kull kuntratt l-informazzjoni msemmija f'punti 1 sa 9 ta' l-Anness għal mhux anqas minn erba' snin mid-data li fiha jkun ingħata l-kuntratt;

2. jagħtu din l-informazzjoni lill-Kummissjoni jew immedjatament, inkella fuq it-talba tagħha, mhux aktar minn 48 jum wara l-aħħar tal-kwart tal-kalendarju meta ngħata l-kuntratt.

L-Artikolu 3

Din id-Deċiżjoni tapplika għall-kuntratti li ngħataw sa mill-1 ta' Jannar 1993.

L-Artikolu 4

Din id-Deċiżjoni hi indirizzata lill-Istati Membri.

Magħmula fi Brussel, fit-13 ta' Mejju 1993.

Għall-Kummissjoni

Raniero VANNI D'ARCHIRAFI

Membru tal-Kummissjoni

[1] ĠU L 297, tad-29.10.1990, p. 1.

L-ANNESS

L-Artikolu 3 tad-Direttiva 90/531/KEE

Informazzjoni li trid tinżamm jew tingħata lill-Kummissjoni dwar kull kuntratt mogħti

— Informazzjoni mhux maħsuba għall-pubblikazzjoni —

1. Isem u indirizz ta l-entità kontraenti.
2. Natura tal-kuntratt (forniment jew xogħol; fejn hu xieraq, tiddikjara jekk hu ftehim strutturali).
3. Indikazzjoni ċara tan-natura tal-prodott, xogħol jew servizz mogħti (bl-użu tal-CPA, per eżempju).
4. Jekk il-kuntratt ikunx ġie rriklamat u, jekk iva, f'liema gazzetta(i) jew ġurnal(i) speċjalizzati. Jekk le, il-proċedura għall-offerti użata.
5. Numru ta' offerti li tkun irċeviet.
6. Data ta' l-għotja tal-kuntratt.
7. Isem u indirizz tal-fornitur jew kuntrattur li rebaħ il-kuntratt.
8. Valur tal-kuntratt.
9. Tul ta' żmien maħsub tal-kuntratt.
10. Kull sehem ta' aktar mill-10 % tal-kuntratt li ngħata, jew li jista' jingħata, għal sotto-kuntratt.
11. Il-pajjiż ta' oriġini tal-prodott jew tas-servizz.
12. Il-kriterji ewlenija magħżula għall-identifikazzjoni ta' l-offerta l-aktar vantaġġjuża fuq bażi ekonomika.
13. Jekk il-kuntratt ikunx ingħata lil min ikun offra xi varjant mill-ispeċifikazzjonijiet oriġinali ta' l-entità.